# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 8 ta' Ottubru, 2020.**

**Numru 13**

**Rikors numru 281/2010 AL**

**Roberta Cassar Aveta**

**v.**

**Joseph Cassar Aveta**

**Il-Qorti:**

1. Fit-12 ta' Awwissu 2010 l-attriċi ppreżentat kawża ta' separazzjoni kontra l-konvenut. Permezz ta' tweġiba preżentata fit-18 ta' Ottubru 2010 (fol. 20) il-konvenut wieġeb u fl-istess ħin ippreżenta kontro-talba.

2. B'sentenza tat-22 ta' Frar 2018 il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iddeċidiet:-

*"Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:*

*"[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B C, bi ħtijiet ta' sevizzi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtija t'adulterju imputabbli lill-attriċi;*

*"[2] Tiċħad it-tieni talba attriċi;*

*"[3] Tilqa' t-tielet talba attriċi billi qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B C u tordna dan li ġej:*

*"1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv;*

*"2. Kull parti tkun sid esklussiv ta' kwalunkwe oġġett mobbli li jinsab fil-pussess tagħha u li sal-lum kien jagħmel parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;*

*"3. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vetturi tal-għamla BMW 330 bin-numru tar-reġistrazzjoni FBQ747 u r- Renault Scenic bin-numru tar-reġistrazzjoni JCA999.*

*"4. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata il-vettura tal-għamla Fiat Bravo bin-numru tar-reġistrazzjoni RCA999.*

*"5. Sabiex jiġi estint il-kreditu parafernali tal-konvenut fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fir-rigward tal-vettura Golf u tad-dgħajsa fl-ammont ta' sitta u tletin elf, mija u ħames Ewro (€36,105) ekwivalenti għal Lm15,500, l- attriċi qiegħda tiġi assenjata*

*"i. l-ishma kollha f'Caseta Investments Limited, magħhom kompriż kwalsiasi vettura rreġistrata fuq l-istess kumpanija, il-penali dovuti fuq il-liċenzji tal-istess vetturi, u d-debitu kollu li l-istess soċjeta' għandha u jista' jkollha mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;*

*"ii. id-debitu kollu li l-partijiet qua diretturi u azzjonisti tas-soċjeta' Ewro Imports Limited għandhom u għad*

*jista' jkollhom mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni u possibilment ma' terzi oħrajn;*

*"Il-Qorti tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-konvenut D B C, m'għadux direttur tas-soċjetajiet Caseta Investments Limited u Ewro Imports Limited u qiegħed jiġi meħlus minn kwalsiasi obbligazzjoni, inkluż dawk naxxenti u riżultanti qabel id-data tal- preżenti, gravanti l-istess soċjetajiet, li għandhom ikunu esklussivament a karigu tal-attriċi u tad-diretturi l-oħra.*

*"6. Sabiex jiġi estint il-kreditu li l-konvenut għandu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' mitt elf mija u tlieta u sittin Ewro (€100,163) ekwivalenti għal Lm43,000 rappreżentanti l-valur tal-maisonette parafernali fis-Swieqi,*

*"a. l-istess konvenut qiegħed jiġi assenjat is-somma ta' wieħed u tmenin elf u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€81,090.81) jew somma oħra verjuri li tirriżulta ddepożitata f'kont bankarju miżmum mal-Bank of Valletta p.l.c. innumerat erbgħa żero żero wieħed sitta wieħed tlieta tnejn tlieta tmienja tmienja (40016132388) f'isem l-Avukati Dottor Patrick J. Galea u Dottor J L. Gauci.*

*"b. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata:*

*"i. is-Somma ddepożitata mar-Reġistratur tal- Qrati relattiva mad-debitu li l-partijiet għandhom mal-konjuġi Scerri possibilment permezz taċ-ċedola ta' depożitu nnumerata 734/2007.*

*"ii. Id-debitu fl-ammont ta' €11,180.99 lil George u martu Edith Scerri rappreżentanti kirjiet tal- fond 3, Richmond Court, Triq Għar il-Lembi, Sliema, flimkien mal-ispejjeż.*

*"iii. Id-debitu fl-ammont ta' €978.34 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' ħames kambjali, flimkien mal- ispejjeż.*

*"iv. Id-debitu fl-ammont ta' €782.67 lil United Acceptances Finance Limited rappreżentanti import ta' erba' kambjali, flimkien mal-ispejjeż.*

*"v. Spejjeż fl-inċirka ta' €4,000 dovuti lil Gap Developments Limited;*

*"7. Tordna illi s-servizz tad-dawl u l-ilma tal-fond "Swieqi Residential Complex, Flat 3, Triq il-Qatta, Swieqi" jitneħħa minn fuq isem l-attriċi u tawtorizzaha sabiex taqta' il-provviżta tas-*

*servizz, fl-eventwalita' li l-konvenut jibqa' jirrifjuta li jagħmel is-servizz fuq ismu;*

*"[4] Tiċħad ir-raba' talba tar-rikorrenti;*

*"[5] Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tawtorizzaha tirriverti għal kunjom xbubitha F ;*

*"[6] Tilqa' s-sitt talba attriċi billi tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili;*

*"[7] Tilqa' t-talbiet kollha tal-konvenut rikonvenzjonant sakemm m'humiex inkompatibbli mal-kumplament ta' din id-deċiżjoni";*

3. Fl-14 ta' Marzu 2018 l-attriċi appellat mis-sentenza, bl-aggravji jkunu dwar:

i. Il-ħtija għas-separazzjoni

ii. Il-qsim tal-ġid li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti;

u talbet lil din il-Qorti sabiex:-

*".....tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel talba attriċi in kwantu għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, tikkonfermaha wkoll fejn laqgħet il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, tgħaddi biex in linea ma' dak sottomess fil-preżenti rikors tal-appell tirrevokaha fil-bqija tagħha partikolarment iżda mhux limitat in kwantu għas-sejbien ta' ħtija tal-appellanti minħabba adulterju u in kwantu għat-terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Krediti Parafernali tal-Partijiet u minflok tilqa' t-talbiet attriċi kollha u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u t-talbiet rikonvenzjonali tiegħu, bl-ispejjeż kemm dawk ta' quddiem il-Qorti tal-ewwel grad u ta' dawk quddiem din l-Onorabbli Qorti, a karigu tal-appellat".*

4. Il-konvenut wieġeb u ta r-raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tiċħad l-appell.

**<u>L-ewwel aggravju – ħtija għall-firda</u>.**

5. L-attriċi ilmentat dwar id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ddikjarat li l-konvenut hu ħati ta' sevizzi u inġurji gravi filwaqt li l-attriċi ħatja ta' adulterju.

6. Fir-rigward ta' dik il-parti fejn l-ewwel Qorti sabet lill-konvenut ħati ta' sevizzi u inġurji gravi, ma sarx appell. Għalhekk hi ġudikat.

7. L-attriċi għadha ssostni li m'hijiex ħatja ta' adulterju. F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti qalet:

> *"Dwar l-adulterju li l-konvenut jallega li wettqet l-attriċi, dana jirriżulta mingħajr ombra ta' dubju u m'huwiex kontradett illi l-attriċi appena telqet mid-dar matrimonjali bdiet relazzjoni mas-sieħeb attwali tagħha li llum jiffurmaw nukleju familjari ġdid bi tliet ulied. Li ma jirriżultax ċar mill-provi, in vista li l-partijiet jikkontradixxu lil xulxin dwar dan, huwa meta bdiet ir-relazzjoni intima tal-attriċi mal-istess sieħeb, bl-attriċi tikkontendi li dan ma seħħx qabel ma l-partijiet kienu sseparaw de facto, u l-konvenut jinsisti li martu diġa kienet f'din ir-relazzjoni meta kienu għadhom jgħixu flimkien.*
>
> *"Kif diġa ntqal, il-Qorti hija tal-fehma li din l-attrazzjoni tal-attriċi lejn it-terz, xekklet kwalsijasi tama ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, bħalma xekkel ukoll il-fatt li l-konvenut qatt m'għaraf in-nuqqasijiet tiegħu lejn martu, biex b'hekk seta' jgħin lil martu terġa tara fih ir-raġel li miegħu trid tibni ħajjitha.*
>
> *"Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u ssib li l-attriċi rrendiet ruħha ħatja t'adulterju fil-konfront ta' żewġha, u lill-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' sevizzi u nġurji gravi fil-konfront ta' martu".*

8. Attrazzjoni waħedha ta' persuna miżżewġa lejn persuna oħra ma tissarrafx f'adulterju.

9. DT xehed li fi Frar 2009 bdiet ir-relazzjoni tiegħu mal-attriċi. Qal, *"our relationship started in February 2009"* (fol. 445). Xehed li kien jaf lill-partijiet u li fl-ewwel ġimgħa ta' Awissu 2008 kien qagħad id-dar għandhom u wara mar joqgħod id-dar tal-ġenituri tal-attriċi. Relazzjoni li kompliet matul is-snin.

10. Il-Qorti tosserva wkoll kif mill-atti jirriżulta li:-

i. F'ittra li l-attriċi bagħtet lill-konvenut (fol. 192) kitbitlu diversi affarijiet fosthom, *"I have tried & tried to overcome my doubts these past years, but I have reached a point where I can't pretend anymore & I had to be honest with myself & towards you & admit that something is broken between us"*; *"..... I also don't feel committed enough to the relationship"*, u *"At this point in time I feel such a gap between us, between the way we see things, between the lifestyle we like"*. Meta kitbet dik l-ittra l-attriċi kienet diġa` ħadet deċiżjoni li mhux ser tkompli fiż-żwieġ. Kliem li jikkontrasta ferm ma' dak li xehdet fl-affidavit meta qalet, *"13. Nixtieq inżid ukoll, li r-raġuni tas-separazzjoni hija li jien ma stajtx nissaporti aktar f'sitwazzjoni ta'* ***abbuż verbali u għajjat*** *u għalkemm ittollerajt dan l-aġir*

*għal bosta snin, fl-aħħar meta s-sitwazzjoni bdiet tiggrava, jien ma flaħtx aktar għalija"* (fol. 34). Għalkemm l-attriċi xehdet li, *"fl-ittra ħadt it-tort jien għax kien għaddej minn sitwazzjoni diffiċli"* (fol. 205), il-Qorti ssibha diffiċli temmen dikjarazzjoni xotta bħal dik. Għall-Qorti ma jagħmilx sens li persuna li tkun għaddejja minn dak li ddeskriviet fl-affidavit u tgħid li l-ħajja miżżewġa *"15..... Kienet ħajja mibnija fuq l-oppressjoni ta' tirann li kien jippretendi li martu hija soġġetta għal dak li jgħid hu biss"*, tmur tikteb ittra bħal dik wara li tkun telqet mid-dar matrimonjali. Fil-fatt mill-istess ittra jirriżulta li nkitbet fi żmien meta l-attriċi kienet diġa` telqet mid-dar taż-żwieġ. Dan kien wara Awwissu 2008. Għall-Qorti l-ittra hi l-aħjar prova li għall-attriċi kienet intfiet il-'fjamma' li wasslitha sabiex fl-1 ta' Frar 1997 tingħaqad fi żwieġ mal-konvenut, meta kien għad għandha biss 20 sena filwaqt li l-konvenut kellu 38 sena u riedet tkompli b'ħajjitha mingħajr l-attur. Hu faċli li f'rikors tal-appell targumenta li, *"16..... l-imġieba tal-appellat fil-konfront tagħha kienet imsejsa fuq vjolenza morali kontinwa, li llum aktar minn qabel, qed issib kundanna u sanzjoni mil-Leġislatur"*. L-istess waqt it-trattazzjoni id-difensur tal-appellanti għamel ħafna enfażi li dik kienet il-kaġun għalfejn tkisser iż-żwieġ. Pero` il-kawżi jiġu deċiżi fuq il-provi u mhux dikjarazzjonijiet. Il-verżjoni tal-appellanti mhi

korraborata minn ħadd u lanqas mhi sostanzjata b'dettalji. Lanqas ma sar xi kontro-eżami lill-appellat li minnu wieħed jista' jikkonkludi li tikkontradiċi lilu nnifsu.

ii. L-attriċi ppreżentat l-ittra ta' medjazzjoni fl-10 ta' Lulju 2009. Fiha ippremettiet biss li l-ħajja taż-żwieġ ma kinitx għadha possibbli minħabba li ż-żwieġ kien tkisser irrimedjabbilment. M'allegatx li l-konvenut kien ħati ta' sevizji, eċċessi u inġurji gravi.

iii. Ċirkostanza ferm stramba hi kif meta DT ma baqax joqgħod għand il-kontendenti, mar joqgħod għand omm l-attriċi. Minn dak li qalet l-attriċi żewġha kien għamilha ċara li DT kien *persona non grata* f'darhom ? Kif allura l-attriċi ħadet lil DT għand il-ġenituri tagħha sabiex iqatta' l-kumplament tal-ġranet li kellu f'Malta? L-attriċi xehdet, *"Lil DT ommi aċċettatu f'darha għax kienet tafu. D kien ħallasna tas-sodda fid-dar tagħna. L-oħrajn li kienu jħallsu ma kinitx taċċettahom ommi. Dan kien każ partikolari"* (fol. 181). Hu stramb ukoll kif filwaqt li V, li kienet Malta fl-istess żmien ta' DT, marret toqgħod f'*guest house* filwaqt li DT mar għand il-ġenituri tal-attriċi meta ma baqax fir-residenza tal-partijiet.

11. Għalkemm l-attriċi tgħid li pprovat tirrikonċilja, il-Qorti m'hijiex konvinta minn kliemha iktar u iktar meta tikkunsidra l-kontenut tal-ittra. Filli f'Awissu 2008 kienet qiegħda tilqa' n-nies fid-dar matrimonjali flimkien ma' żewġha, filli spiċċat titlaq mid-dar. Inoltre, hu fatt li l-adulterju mhuwiex faċli li tippruvah, u ħafna drabi jista' biss jiġi ppruvat permezz ta' indizji. Fl-affidavit stess l-attriċi naqset milli tagħti tagħrif dwar kif bdiet ir-relazzjoni ma' DT.

12. Evidentement l-attriċi qiegħda tirraġuna li r-relazzjoni tagħha ma' DT bdiet meta ż-żwieġ kien diġa` tkisser. Fil-fehma tal-Qorti l-iktar prova rilevanti ta x'wassal sabiex spiċċa ż-żwieġ hi l-ittra eżibita a fol. 192. Jekk għall-argument hu veru li r-relazzjoni ma' DT bdiet biss wara li telqet mid-dar konjugali, pero` dan kien biss ftit xhur wara. Relazzjoni li baqgħet għaddejja matul is-snin u li minnha twieldu tliet itfal. Relazzjoni li bdiet xhur qabel bdew il-proċeduri ta' separazzjoni. Iż-żmien qasir li għadda minn meta l-attriċi tgħid li telqet mid-dar sa meta bdiet ir-relazzjoni skond DT, pjuttost huma indikatur li l-attriċi ma riditx tkompli fi żwieġ li kien ilu ħdax-il sena.

13. Meta tqis dak kollu li ssemma hawn fuq, il-Qorti m'għandhiex dubju li l-adulterju kien ukoll wieħed mir-raġunijiet li wassal għall-firda.

14. Fiċ-ċirkostanzi l-attriċi m'għandhiex jedd tippretendi li m'għandhiex ħtija fit-tifrik taż-żwieġ.

**<u>It-tieni aggravju – il-qsim tal-ġid fil-komunjoni tal-akkwisti.</u>**

15. Għal dak li jirrigwarda l-komunjoni tal-akkwisti, l-attriċi ilmentat li:

i. Qabel iż-żwieġ il-konvenut kellu dar f'kundizzjoni ta' ġebel u saqaf li xtara fit-30 ta' Mejju 1995 għal €27,952.48, li minnhom €13,976 kellhom jitħallsu fi żmien sentejn.
ii. F'dak il-fond il-partijiet għamlu diversi spejjeż sabiex għamluh abitabbli.
iii. Kien jeżisti self mal-Bank of Valletta li kien jitħallas minn joint account li kellhom il-partijiet, u l-bilanċ tal-prezz kien tħallas minn dak is-self.
iv. Għalkemm il-fond kien inbiegħ fl-14 ta' Diċembru 1999 għall-prezz ta' €100,163 m'huwiex minnu li l-fond kien inxtara bi flus parafernali tal-konvenut. Għalhekk ma kellux jingħad li l-konvenut għandu kreditu ta' €100,163.
v. Sabiex jitħallas tal-kreditu parafernali dwar il-vettura Golf u d-dgħajsa (€36,105) il-Qorti assenjat lill-attriċi a) l-ishma f'Caseta Investments Limited inkluż vetturi reġistrati fuq il-kumpanija, penali fuq il-liċenzji, u d-debiti tal-istess

kumpanija mad-Dipartiment tat-Taxxi u ma' terzi jekk jeżistu;

b) id-dejn kollu li l-partijiet għandhom bħala diretturi u azzjonisti ta' Ewro Imports Limited mad-Dipartiment tat-Taxxi u possibilment ma' terzi. Inoltre ilmentat minn dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Qorti li l-konvenut m'għadux direttur taż-żewġ kumpaniji u ġie meħlus minn kull obbligazzjoni.

16. L-ewwel Qorti iddeċidiet li l-konvenut għandu kreditu parafernali kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta' €100,163 valur tal-maisonette parafernali li kellu fis-Swieqi u li biegħ matul iż-żwieġ, kif ukoll kreditu ieħor ta' €36,105 fir-rigward ta' vettura Golf u dgħajsa. Total ta' €136,268.

17. Il-Qorti tosserva li:-

i. Għal dak li jikkonċerna d-dgħajsa Sleeky Lady il-konvenut għamel prova li kienet parafernali tiegħu u nbiegħet f'Awwissu 2001 għall-prezz ta' €20,964 (fol. 637 u 640). L-attur xehed, *"I sold the cabin cruiser in 2001 at Lm8500 (€19800) and half of the amount was invested in the Ewro Imports Ltd and the balance was invested in the Villa in Victoria Gardens"*. Skont il-*bill of sale* li hemm fl-atti, il-prezz ta' bejgħ tad-dgħajsa kien Lm9,000 (€20,964) u l-Qorti ser tiddeċiedi a bażi ta' dik il-prova. Għalhekk hi biss is-somma

ta' €10,482[1] li l-konvenut għandu bħala kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti. In-nofs l-ieħor hu semmai kreditu kontra l-kumpanija Ewro Imports Ltd li għandha personalita ġuridika u separata mill-miżżewġin.

ii. Fir-rigward tal-vettura Volkswagen Golf GL, il-konvenut xehed li nxtrat qabel iż-żwieġ u nbiegħet fiż-żwieġ għall-prezz ta' €15,141 u l-flus intuzaw fl-akkwist tal-fond fi Triq il-Qamħ (fol. 468). Mid-deposizzjoni tar-rappreżentant ta' Transport Malta irriżulta li qabel iż-żwieġ il-konvenut kien sid ta' vettura Volkswagen Golf li ttrasferixxa fl-20 ta' Novembru 1998 (fol. 641). L-attriċi ma ġabitx provi li jikkontradiċu dak li xehed il-konvenut.

iii. L-attriċi qalet li kien jeżisti self ta' Lm15,000 (€34,940) mal-Bank of Valletta li *"41...... kien jitħallas mill-joint account taż-żewġ partijiet"*. F'affidavit a fol. 46 qalet li għax-xiri tad-dar qabel iż-żwieġ, il-konvenut kien *"..... ħa finanzjament, ċioe` 'loan' ta' Lm20,000 mill-BOV"*. Pero` ma nġabitx prova dokumentarja tal-allegat self. Għalkemm hemm prova dokumentarja li l-partijiet kellhom *house loan* mal-BOV, pero` l-istatements jibdew mis-sena 2005 (fol. 73) meta d-

[1] €20,964/2 = €10,482.

dar kien ilha li nbiegħet mill-1999. Fil-proċess a fol. 158 hemm sanction letter tal-Bank of Valletta plc datata 3 ta' Ġunju 2000 għal self ta' Lm70,000 (Loan 1 għal Lm15,000 u Loan 2 għal Lm55000). Pero` dan kien sabiex jiffinanzjaw ix-xiri ta' art fl-Ibraġġ u sabiex jibnu d-dar. Saħansitra fl-ewwel affidavit (fol. 29) l-attriċi qalet, *"4.... u kellna madwar Lm15,000 self mal-bank fuq dan il-post"*. Għalkemm l-attriċi xehdet li *".... kont tal-BOV konna qlibnih fuq isem it-tnejn bħala 'joint account' u għalhekk il-house loan kienet titħallas minn hemm. Aħna konna niddepożitaw il-pagi f'dan il-kont"* (fol. 57). Hekk ukoll m'hemmx provi oġġettivi dwar dan. Dan apparti li l-konvenut xehed *"I bought this property without taking any loans and paid cash as evidenced from the said contract. I finished the property myself before Roberta and I got married and to this end I forked out around Lm20,000 in that as the property was purchased in shell form"* (fol. 466). Għalkemm hu veru li ma ġabx prova minn fejn ġab is-somma ta' Lm20,000 madankollu l-istess jingħad fir-rigward ta' dak allegat mill-attriċi. L-oneru tal-prova kien fuqha, u lill-konvenut lanqas ma sarlu kontro-eżami biex ikun mistoqsi kif iffinanzja dawk l-ispejjeż. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-attriċi m'għandhiex raġun meta fir-

rikors tal-appell qalet *"47. Illi l-verżjoni tal-appellat mhux biss hija inverosimili iżda hija saħansitra kontradetta mill-provi"*.

iv. Fir-rikors tal-appell qalet ukoll li meta l-konvenut xtara d-dar fit-30 ta' Mejju 1995, kien hemm bilanċ ta' Lm6,000 mill-prezz li kellu jitħallas fi żmien sentejn. Madankollu, skont il-kuntratt il-prezz kien ta' Lm18,000 li tħallas kollu fuq il-kuntratt.

v. L-attriċi semmiet ukoll li meta l-fond parafernali tal-konvenut inbiegħ fl-14 ta' Diċembru 1999 għall-prezz ta' Lm43,000 (€100,163), fil-kuntratt issemma li inbiegħu mobbli. Pero` kull ma jissemma f'dak il-kuntratt hu li fil-fond tħallew, *"(fridge, microwave oven and hob), two airconditioners and a cupboard in the washroom"* (fol. 495). Oġġetti li din il-Qorti tqis bħala insinifikanti.

vi. F'paragrafu 45 tar-rikors tal-appell semmiet ukoll li mal-fond kienet inbiegħet kċina li xtraw mingħand Oak Limited għall-prezz ta' Lm14,000, li spiċċaw kellhom iħallsu l-ġenituri tagħha. Jekk il-ġenituri tal-attriċi għandhom xi pretensjoni kontra l-partijiet jew xi ħadd minnhom, ma tistax tiġi kkunsidrata f'din il-kawża ġialadarba mhumiex parti għaliha.

18. B'referenza għal dak li ntqal hawn fuq il-konvenut għandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont ta' **mija ħamsa u għoxrin seba' mija u sitta u tmenin ewro (€125,786)**.[2]

19. Fir-rigward tal-vettura Golf u d-dgħajsa, skont ir-raġunament li għamlet din il-Qorti hawn fuq l-attur għandu kreditu kontra l-komunjoni tal-akkwisti ta' **€25,623**.[3] L-ewwel Qorti tat l-ordnijiet li kellha tagħti b'riferenza għall-kumpaniji Caseta Investments Limited u Ewro Imports meħud in konsiderazzjoni ta' dak il-kreditu li l-attur għandu kontra l-komunjoni tal-akkwisti, li pero` illikwidat f'somma ikbar.

20. Mid-deposizzjoni ta' John Micallef jirriżulta li l-pretensjonijiet tad-Dipartiment tat-Taxxa jiżboq sew il-kreditu li għandu l-attur (ara deposizzjoni ta' uffiċjal tad-Dipartiment tat-Taxxi a fol. 689 u d-dokumenti CIRVII a fol. 701 u CIR a fol. 712). Għal din ir-raġuni wkoll il-Qorti ma taqbilx mal-ewwel Qorti li ddeċidiet li l-attriċi għandha personalment tagħmel tajjeb <u>għad-dejn kollu</u> li għandhom il-kumpaniji. Dan apparti li mhux id-dejn kollu ta' kumpanija jrid jagħmel tajjeb għalih direttur. Lanqas ma taqbel mad-deċiżjoni tal-Qorti li tneħħi lill-konvenut minn direttur tal-kumpanija. Mill-provi hu evidenti li dawn il-kumpaniji kienu tal-kontendenti u t-tnejn li huma kienu involuti fin-negozju, minkejja li waqt it-trattazzjoni

[2] €100,163 + €10,482 + €15,141 = €125,786.
[3] €10,482 + €15,141.

d-difensur tal-appellat qal li kienu jitmexxew mill-appellanti. Jekk hemm xi pendenzi fil-konfront ta' terzi, inkluż id-Dipartiment tat-Taxxi, li għalihom jistgħu jkunu responsabbli bħala diretturi, għandhom jibqgħu f'dik il-kariga sabiex iwieġbu ta' għemilhom fil-konfront tat-terzi. Hu minnu wkoll li waqt it-trattazzjoni d-difensur tal-appellat ta x'jifhem li llum pendenzi jekk hemm huma ftit li xejn għaliex l-appellat ħallas. Madankollu għal dak li jirrigwarda fatti l-Qorti tiddeċiedi fuq il-provi li hemm fl-atti u mhux x'intqal waqt trattazzjoni meta ma saret l-ebda dikjarazzjoni mill-parti l-oħra li hemm qbil.

21. Rilevanti wkoll hi l-polza 29586 ta' MSV Life (ara deposizzjoni ta' Dr Ylenia Micallef Grimaud fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2015 a fol. 629 u Dok. MSV1 a fol. 630). Ix-xhud spjegat kif din il-polza f'isem il-konvenut inħarġet fit-3 ta' Ġunju 1996 u baqgħet titħallas sa Jannar 2003. Għalkemm il-polza hi parafernali, il-ħlasijiet saru waqt iż-żwieġ, b'kollox 72 xahar b'total ta' €18,000. Polza li timmatura f'Ġunju 2020. Il-presunzjoni hi li l-premia tħallsu mill-ġid li jifforma parti mil-komunjoni tal-akkwisti.

22. Għalhekk il-kreditu li jibqagħlu l-attur fir-rigward tal-vettura u dgħajsa hu biss ta' **sebat elef sitt mija u tlieta u għoxrin ewro (€7,623)**.[4]

---

[4] €25,623 - €18,000 = €7,623.

23. Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ser tvarja s-sentenza f'dan is-sens:

i. Il-partijiet għandhom jibqgħu diretturi tal-kumpaniji Caseta Investments Limited u Ewro Imports Limited;

ii. L-attriċi għandha tħallas lill-konvenut is-somma ta' tlett elef tmien mija u ħdax-il ewro u ħamsin ċenteżmu (€3,811.50) bħala sehemha minn dak id-dejn.

iii. Fl-eventwalita` li l-kumpaniji xi darba jiġu xolti u jsir stralċ u jibqa' xi ġid x'jitqassam bejn il-kontendenti, il-konvenut għandu jirċievi l-ewwel ħlasijiet sas-somma ta' €3,811.50 għas-saldu tal-kreditu parafernali fuq imsemmi.

24. Għalkemm il-konvenut kellu pretensjonijiet oħra għal dak li jikkonċerna l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (ara l-aħħar parti tal-affidavit tiegħu), ġialadarba m'appellax mis-sentenza m'hemmx x'jingħad.

25. Dwar il-kreditu parefernali l-ieħor ta' €100,163 u l-mod kif l-ewwel Qorti ordnat li għandu jkun saldat (ara paragrafu 6 tal-parti dispożittiva tas-sentenza), il-Qorti ordnat li s-somma ta' €81,090.81 depożitata f'kont miżmum il-Bank of Valletta plc f'isem żewġ avukati, għandha tittieħed

mill-konvenut. Il-Qorti ma tarax kif l-ewwel Qorti setgħet tordna mod ieħor meta tikkunsidra li l-konvenut għandu kreditu ta' €100,163 kontra l-komunjoni tal-akkwisti u ma tressqux provi li hemm xi assi oħra. Hu proprju għalhekk li l-attriċi mhux ser tkun qiegħda tirċievi parti mill-imsemmija somma peress li l-ewwel irid jitħallas il-kreditu li għandu l-konvenut fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti.

26. Għalkemm fit-tweġiba l-konvenut baqa' jsostni li hu kreditur tal-attriċi fl-ammont ta' €174,837.99 (ara paragrafu 49 tat-tweġiba), dak hu kapitolu magħluq għaliex hu m'appellax mis-sentenza tal-ewwel Qorti.

Għal dawn il-motivi tiddeċiedi l-appell billi:

i. Tiċħad l-ewwel aggravju.
ii. Tilqa' t-tieni aggravju biss sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, u tvarja s-sentenza tat-22 ta' Frar 2018 fis-sens li tħassar paragrafu ħamsa (5) tal-parti dispożittiva tas-sentenza tal-ewwel Qorti u minflok tiddisponi li fir-rigward tal-vettura Volkswagen Golf u d-dgħajsa l-konvenut għandu kreditu ta' sebat elef sitt mija u tlieta u għoxrin ewro (€7,623) li għandhom jitħallsu bil-mod kif spjegat f'paragrafu 23 ta' din is-sentenza.
iii. L-ishma fit-tlett kumpaniji jibqgħu kif inhuma u min hu direttur fil-kumpaniji jibqa' f'dik il-kariga.

iv. Għall-kumplament tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

v. Spejjeż tal-appell jinqasmu in kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) a karigu tal-attriċi u tletin fil-mija (30%) a karigu tal-konvenut.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr